MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-17 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 952/2014

**Josephine Azzopardi (KI Nru. 179376(M)) f'isimha proprju u kif ukoll bħala prokuratriċi tal-imsiefra Anna Maria Saddemi (KI Nru. 349460(M), Patricia Anastasi (KI Nru. 198063(M)) u Greta Bartoli Parnis (KI Nru. 331365(M))**

**vs**

**Philip Grima (KI Nru. 8853(G)) u Jacqueline Grima (KI Nru. 457061(M)) u Emma Grima (KI Nru. 32396(M))**

Il-Qorti,

Dan huwa provvediment finali dwar it-talba li saret mill-atturi waqt is-smigħ tal-14 ta' Jannar, 2015 sabiex il-Qorti tordna s-soprasessjoni (sospensjoni) tal-proċediment fl-ismijiet premessi, pendenti l-eżitu finali tal-kawża fl-ismijiet **Perit Joseph Barbara et nomine vs Avukat Ġenerali u Philip Grima** (Citaz. Nru. 471/2005JRM).

Rat illi fid-29 ta' Ottubru, 2014 l-atturi ppreżentaw Rikors Maħluf fejn talbu *inter alia* lill-Qorti tiddikjara u tiddeċiedi li peress li l-konvenuti kienu u għadhom qegħdin jiddetjenu l-pussess u l-okkupazzjoni tal-fond 51, Block D, St. Julian's Court, Triq is-Sur Fons, San Ġiljan flimkien mal-arja tal-blokka relattiva (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-fond"), illegalment u abbużivament dan stante l-għeluq fit-13 ta' Ġunju, 2002 taċ-ċens temporanju mogħti fl-14 ta' Ġunju, 1957 għall-perijodu ta' 45 sena, għandhom iħallsu kumpens għall-okkupazzjoni tal-istess fond, liema kumpens għandu jiġi kkalkulat mid-data tal-għeluq taċ-ċens temporanju sad-data tal-effettiv żgumbrament.

Rat ir-Risposta Maħlufa ippreżentata mill-konvenuti fit-18 ta' Novembru, 2014 fejn eċċepew *inter alia* li t-talba attriċi saret qabel żmienha u ċjoè intempestiva peress illi bl-ebda mod ma hemm dikjarazzjoni ġudizzjarja fil-konfront tal-konvenuti illi huma qed jokkupaw il-fond mingħajr ebda titolu validu fil-Liġi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Diċembru, 2014 fejn l-avukat tal-atturi nforma lill-Qorti li sas-seduta li jmiss hu kien se jagħlaq il-provi min-naħa tiegħu bil-proċedura tal-affidavits u għalhekk il-kawża setgħet titħalla għall-

kontro-eżamijiet min-naħa tal-konvenut u għall-kontinwazzjoni tal-provi tal-konvenut.

Rat ukoll illi skont l-istess verbal il-kawża tħalliet għall-provi kollha tal-konvenuti dwar l-ewwel erba' eċċezzjonijiet tagħhom u għall-kontinwazzjoni tal-provi tal-konvenuti jekk ikun il-każ.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Jannar, 2015 fejn l-avukat difensur tal-atturi għamel riferenza għall-kawża fl-ismijiet **Perit Joseph Barbara et nomine vs Avukat Ġenerali u Philip Grima** (Ċitaz Nru. 471/2005JRM) u talab illi f'dan l-istadju, din l-Onorabbli Qorti tistenna l-eżitu ta' din il-kawża qabel tiddikjara l-għeluq tal-provi tal-partijiet.

Rat illi min-naħa tiegħu l-avukat difensur tal-konvenuti oppona stante li dawn il-fatti kienu magħrufa għall-atturi qabel intavolaw din il-kawża u inoltre hemm preġudizzju serju għall-intimat li għandu sekwestru kawtelatorju minħabba din il-kawża.

Rat illi l-avukat difensur tal-atturi ssottometta ulterjorment li fir-rigward tal-mandat kawtelatorju imsemmi mill-konvenuti, l-istess konvenuti huma fil-libertà illi jieħdu dawk ir-rimedji li jidhrilhom li huma opportuni sabiex jittutelaw l-pretesjonijiet tagħhom.

Rat illi min-naħa tiegħu l-avukat difensur tal-konvenuti wieġeb illi m'għandux ikun kostrett illi jieħu proċeduri waqt li jistenna l-eżitu ta'

kawża oħra li l-atturi setgħu faċilment jistennew qabel ma għamlu l-mandat u ppreżentaw l-atti odjerni.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat l-Artikolu 230 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-Artikolu 229 (2)(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi illi "digriet li jordna l-waqfien tal-proċedimenti" għandu jinqara bil-miftuħ fil-qorti.

**Ikkunsidrat:**

Illi fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Ottubru 1981 fil-kawża **"Degaetano vs Galea et noe",** il-Qorti tal-Appell qalet illi:

> *"Is-soprasessjoni hemm lok għaliha meta l-eżitu tal-kawża li tiġi soprasseduta jkun jiddependi jew almenu jkun jista' jiddependi mill-eżitu ta' kawża oħra, u għalhekk ma jistax ikun hemm lok għas-soprasessjoni jekk ma teżistix din id-dipendenza jew almenu l-potenzjalità ta' din id-dipendenza".*

Tqis illi qorti għandha tilqa' talba għas-soprasessjoni meta jkun spedjenti li tagħmel hekk (ara Kollez. Vol. XXXIX.I.467; u Appell Ċivili – **Cassar vs Xuereb** – 12 ta' Marzu 1973); spedjenti fis-sens fejn il-kwestjoni involuta fil-kawża pendenti quddiem qorti oħra tkun tali li d-deċiżjoni tista' tinfluwixxi l-mertu tal-azzjoni preżenti (ara – **Galea vs Galea** – Appell Inferjuri – 23 ta' April 1955).

Illi s-soprasessjoni hija ndikata għal dawk il-każijiet meta jkun hemm lok għas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tiddependi neċessarjament il-kontinwazzjoni tal-kawża li tigi soprasseduta sa dik is-soluzzjoni (ara – ***Azzopardi vs Critien pro et noe*** – Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – 12 ta' April 1962).

Tqis li s-soprasessjoni hu rimedju straordinarju u għandu jiġi applikat biss jekk hu neċessarju fl-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja. (Kollez. Vol. XLI.I.507).

Illi l-għoti tas-soprasessjoni huwa għal kollox fid-diskrezzjoni tal-qorti (Kollez. Vol XXXII.II.197). L-eserċizzju ta' diskrezzjoni mill-ġudikant tiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari u speċjali ta' kull każ (ara – Appell Ċivili – ***Grech noe vs Buttigieg et noe*** – 26 ta' Marzu 1984).

Illi fil-kawża fl-ismijiet **Dottor Alfred Mifsud vs Onorevoli Prim Ministru** deċiża (QK) fl-20 ta' Lulju, 1994. "Is-sopprassessjoni hija, minnha nnifisha miżura eċċezzjonalissima għaliex tiffrena l-andament normali ta' kawża b'mod billi twaqqaf għalhekk dik l-ispeditezza li tesiġi l-ġustizzja biex kull kawża tinqata' fi żmien raġonevoli".

Illi qorti m'għandhiex tordna s-soprasessjoni jekk il-parti l-oħra tkun sejra tbati preġudizzju. (**Amber Properties Limited (C-28781) *kontra* Central Holidays (Travel Agents and Organisers) Limited (C-43884) et** PA 25 ta' Marzu 2013).

Tqis illi l-azzjoni mressqa permezz ta' din il-kawża, ċjoè talba għall-ħlas ta' kumpens għall-okkupazzjoni tal-fond mingħajr ebda titolu, u l-azzjoni mressqa permezz tal-kawża Ċitaz Nru. 471/2005JRM, ċjoè talba għall-kundanna tal-konvenut Philip Grima sabiex fi żmien qasir u perentorju jiżgombra mill-fond billi qiegħed jokkupah mingħajr ebda titolu fil-Liġi, dawn iż-żewġ azzjonijiet setgħu anki saru permezz ta' kawża waħda.

Illi għalhekk il-fatt li ż-żewġ azzjonijiet kienu mressqin permezz ta' żewġ kawżi differenti, meta l-liġi kienet tippermetti li dawn l-azzjonijiet jiġu anki mressqin f'kawża waħda, bl-ebda mod ma jista' jingħad li qegħdin jiġu preġudikati d-drittijiet tal-konvenuti jekk dawn iż-żewġ kawżi jinstemgħu kontestwalment, jew jekk issir is-soprasessjoni (is-sospensjoni) a tenur tal-Artikolu 964(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ta' din il-kawża pendenti l-eżitu tal-kawża fl-ismijiet **Perit Joseph Barbara et nomine vs Avukat Ġenerali u Philip Grima** (Citaz. Nru. 471/2005JRM).

Tqis illi li kieku dawn iż-żewġ azzjonijiet ġew imressqin f'kawża waħda flok f'żewġ kawżi separati, l-atturi xorta waħda kien ikollhom id-dritt li jitolbu l-ħruġ a favur tagħhom ta' mandat kawtelatorju kontra l-konvenuti sabiex jikkawtelaw il-pretensjoni tagħhom għall-kumpens għall-okkupazzjoni mingħajr ebda titolu tal-fond inkwistjoni.

Barraminhekk l-konvenuti fi kwalunkwe każ ikollhom id-dritt li jieħdu dawk il-proċeduri opportuni għal ħruġ ta' kontromandat ai termini tal-Artikolu 836(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jekk *inter alia* jintwera li l-ammont mitlub fl-imsemmi mandat kawtelatorju ma jkunx *prima facie* ġustifikat jew ikun eċċessiv.

Illi in kwantu għall-preġudizzju li allegatament qegħdin isofru minnu l-konvenuti għax skont l-avukat difensur tagħhom dawn għandhom sekwestru kawtelatorju kontra tagħhom minħabba din il-kawża, il-Qorti ma tqisx illi l-konvenuti qegħdin isofru minn xi preġudizzju akbar milli kienu jsofru li kieku ż-żewġ azzjonijiet ġew ippreżentati fl-istess kawża flok f'żewġ kawżi separati kif fil-fatt seħħ f'dan il-każ.

Tqis illi abbażi tal-fatti u provi akkwiżiti f'din il-kawża din il-Qorti tikkonkludi li jkun opportun u fl-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja, illi tintlaqa' t-talba għal soprasessjoni ta' din il-kawża.

Għar-raġunijiet kollha premessi, din il-Qorti qegħda tilqa' t-talba tal-konvenuti Josephine Azzopardi pro et noe kif dedotta fis-smigħ tal-14 ta' Jannar, 2015, tordna s-soprasessjoni (sospensjoni) ta' din il-kawża, u konsegwentement tħalli l-kawża *sine die*, riappuntabbli skont il-proviżo għall-Artikolu 964(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ssir talba minn xi waħda mill-partijiet permezz ta' rikors sa żmien perentorju ta' ħmistax-il jum mid-data li fiha l-kawża fl-ismijiet **Perit Joseph Barbara et**

**nomine vs Avukat Ġenerali u Philip Grima** (Citaz. Nru. 471/2005) tkun għaddiet in ġudikat.

L-ispejjeż jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.

Moqrija

**Onor. Dr. Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Frederick Stagno Navarra**
**Dep. Reġ**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------